**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 395/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 2658/2011)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar is-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011).

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel wiehed, D, li twieled nhar it-tmintax (18) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013) kif ukoll zewgt itfal ohra bl-isem ta' E u F, li twieldu nhar il-hdax (11) ta' Settembru, elfejn u erbatax (2014).

3. Illi fir-rigward tal-minuri E u F hemm proceduri gudizzjarji, ossia azzjoni ta' denegata paternita pendenti fl-ismijiet C B v A B et (Rik 334/18 JPG) permezz ta' liema l-attur C B qieghed jichad li huwa l-missier tal-imsemmija minuri E u F.

4. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Josef Masini Vento ppublikat nhar l-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015).

5. Illi ghalkemm l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti diversi arretrati ta' mantenimentoja tixtieq li din l-Qorti xorta wahda tghaddi biex tippronunzja l-hall taz-zwieg, u dan minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi pretensjoni li ghandha kontra l-intimat ghal dak li ghandu x' jaqsam il-hlas tal-arretrati tal-manteniment dovut.

6. Illi r-rikorrenti iddiskutiet mal-avukat taghha, l-Avukat Timothy A. Bartolo, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u inghatat minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin u kkonkludiet li m' hemm assolutament ebda prospett ghal rikonciljazzjoni.

7. Illi m'hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u z-zewg kontendenti llum ghandhom hajja gdida mas-siehba godda rispettivi taghhom.

8. Illi A B tixtieq li bis-sahha tal-pronunzjament ta' din il-Qorti hija tkun wkoll awtorizzata li tirreverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'G'.

9. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet.

Talbet lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi z-zwieg taghha minn mal-intimat C B hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.
2. Tawtorizza lill A B tirreverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'G'.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan salv kwalsiasi provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Settembru 2021;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta u ma pprezentax risposta;

Rat illi r-rikorrenti ssottomettiet illi l-intimat ghandu jhallasha diversi arretrati ta' manteniment, madanakollu xorta trid lill-Qorti biex tippronunzja l-ħall taż-żwieg u dan minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi pretensjoni li ghandha kontra l-intimat ghal dak li ghandu x'jaqsam il-hlas tar-arretrati tal-manteniment dovut;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 ighid b'mod car illi divorzju jista` jinghata biss jekk fid-data li jibdew il-proceduri l-mizzewwgin ikunu ghexu mhux flimkien ghall-perjodu ta' sitt xhur matul l-ahhar sena, jekk ma jkunx hemm prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u jekk il-mizzewgin u l-wild taghhom ikunu qed jircievu manteniment adegwat;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ma tistax fl-istess hin titlob divorzju u wkoll tissottometti li hemm arretrati ta' manteniment dovuti mill-intimat;

Illi huwa minnu li m'hijiex ir-rikorrenti li ghandha taghti l-manteniment izda l-intimat, madanakollu waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali għall-għoti ta' divorzju mposta mill-ligi ma gietx sodisfatta, u cioe` il-kondizzjoni li ma hemmx arretrati ta' manteniment dovut u la darba l-ligi tesiġi li dak ir-rekwizit irid jiġi sodisfatt, il-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra ħlief li ticħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tagħha.